MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 996/2004

**Henry Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Mosta Technopark Tenants Association**

**vs**

**J.C.R. Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00) rapprezentanti rifuzjoni ta prezz ta' zebgha tal-marka Sika Latex konsenjat lill-attur nomine mis-socjeta' attrici liema zebgha ma kienx tal-kwalita' patwita.
Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Rsiposta tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit is-segwrenti:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-prodott mixtri minghand is-socjeta’ konvenuta kien ta’ kwwalita’ tajba kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta m’hijiex tenuta tirrifondi lura l-hlas tal-prodott minnha mibjugh.
Salv eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sema’ x-xhieda ta’ Henry Borg, Frank Gatt, Carmel Attard u Paul Camilleri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-tratazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi mit-30 ta’ Jannar 2001 sas-17 ta’ Gunju 2002 is-socjeta’ konvenuta ikkonsenjat zebgha tal-marka Sika Latex lill-attur nomine. L-attur nomine kien talab lis-socjeta’ konvenuta tfornih b’zebgha adata sabiex jizboh il-bankini tal-Mosta Technopark bil-kulur ahmar. Is-socjeta’ konvenuta kienet issuggeriet iz-zebgha Sika Latex u l-attur nomine kien effetwa l-ordni.

L-attur nomine qieghed jitlob ir-ifuzjoni  tal-ammont minnu mhallas ghal din iz-zebgha stante li wara lli nzebghu il-bankini tal-Mosta Technopark hareg kulur abjad minflok ahmar kif jidher fir-ritratti esebiti a fol. 26 u 27 tal-process. Is-socjeta’ konvenuta tirribatti li z-zebgha kosnenjata kienet tal-kwalita’ patwita u d-difetti riskontrati kienu dovuti ghal fatt li uhud mill-bankini ma kellhomx pendil u ghalhekk kein jingema l-hmieg.

It-Tribunal jidhirlu li mill-provi mressqa mill-attur nomine irrizulta soddisfacentement pruvat li z-zebgha ikkonsejata ma kienitx tal-kwalita’ patwita. L-attur nomine kien ordna dik it-tip ta’ zebgha fuq parir tas-socjeta’ konvenuta u dan wara li din tal-ahhar kienet giet infurmata b’dak li xtaq l-attur nomine. Jirrizulta li l-attur nomine segwa l-istruzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta dwar il-mod kif kellha ssir it-tahlita u l-mod kif kellha ssir l-appliakazzjoni (ara affidavit ta’ Paul Camilleri u x-xhieda tal-istess.

Nonostante cio jidhher li r-rizultat mill-ewwel ma bediex ikun dak mixtieq mill-attur nomine izda s-socjeta' konvenuta kienet tghid lir-rapprezentanti tal-attur nomine li mal-ewwel xita u meta jixxarbu l-bankini jerga johrog il-kulur ahmar. Dan ma sehhx u l-attur nomine xtara zebgha minghand haddiehor u r-rizultat wara li giet applikata din iz-zebgha kien dak mixtieq mill-attur nomine.

Mill-provi rrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet qalet lill-attur nomine li kienet ser titkellem mas-*supplier* taghha barra minn Malta sabiex tara kif il-problema kienet ser tigi risolta. Jidher li l-iskuzanti tal-pendil giet sollevata mis-socjeta' konvenuta biss fl-istadju ta' dwn il-proceduri. It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta kienet a konoxxenza tal-fatt li z-zebgha ma kienitx tal-kwalita patwita ghaliex altrimenti ma kienitx tghid lill-attur nomine li kienet ser tivverifika mas-supplier sabiex tara kif ser tirrisolvi l-problema. Inoltre mill-provi rrizulta wkoll li meta giet applikata iz-zebgha l-gdida ma kienx hemm problemi u dan jindika li l-pendil, jew ahjar in-nuqqas ta' pendil f'uhud mill-bankini ma kellu x'jaqsam xejn.

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------